MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 292/2011

Kawza fil-lista: 13

**W T**
**vs**
**K R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta illi kien ikkuntratta zwieg fid-19 ta' Mejju 2007 ; illi minn dan iz-zwieg ma twildux tfal u l-partijiet ikkuntrattaw separazzjoni ; illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha ; illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ; illi ghalhekk iz-zwieg huwa null u bla effett *ai*

*termini* tal-Artikolu 19 (1) (d) u / jew 19 (1) (f) tal Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Rat li l-konvenuta qablet ma dak premess u mitlub mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi l-affidavits prezentati ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-19 ta' Mejju 2007 fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenuta ma topponix.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Mejju 2007 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin sitt snin ; l-attur kellu 27 sena u l-konvenuta 30 sena. Fin-namur wara sena u nofs kienu hassru peress li kienu ta' spiss jargumentaw ; irrangaw u komplew fir-relazzjoni. Il-konvenuta xtaqet tizzewweg u l-attur accetta ; xtraw dar kbira, mghammra b'kollox, izzewwgu u sabu ruhhom jghixu flimkien.

Irrizulta li l-hajja konjugali kienet wahda difficli ghall-attur ghax kien idejjqu l-indhil ta' martu, kellhom problemi finanzjarji u f'dawn ic-cirkostanzi giet effettwata r-relazzjoni intima ta' bejniethom.

Wara ftit xhur l-attur abbanduna id-dar matrimonjali imma kien irritorna biex jerga jipprova u biex jissaportja lil martu meta mietet ommha tragikament. Pero fil-frattemp il-konvenuta bdiet relazzjoni ma haddiehor u sentejn u nofs wara iffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti hi tal-fehema li f'dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) ta' l-

artikolu precitat fil-konfront ta' xulxin, stante, li huma dahhlu f'dan iz-zwieg minghajr ma kienu jhobbu lil xulxin, u b' izjed qawwa, ma kienux gharrfu l-import tal-hajja konjguali flimkien ; bir-rizultat li mal-konvivenza rrizulta li dawn kienu nkapaci li jassumu l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-buon essere reciproka u ma setghux ighixu taht saqaf wiehed wahedhom – u dan mill-bidu nett taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba tal-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqghua.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidei billi tilqa t-talbiet u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-19 ta' Mejju 2007.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------